

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 659/2009****tat-23 ta' Lulju 2009****li jiffissa l-prezz massimu tax-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat għall-7 stedina individwali għall-offerti fi  
ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 310/2009**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 310/2009 <sup>(2)</sup> fetaħ ix-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta' proċedura tas-sejħiet għall-offerti għall-perijodu li jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2009, skont il-kundizzjonijiet ipprovduti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 214/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 li jistipula regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 li jirrigwarda l-intervent fis-suq tat-trab tal-ħalib xkumat <sup>(3)</sup>.
- (2) Skont l-offerti li saru b'risposta għal stedinet individwali għall-offerti, għandu jiġi ffissat prezz massimu tax-xiri

jew inkella jiġi deċiż li ma tintlaqa' l-ebda waħda mill-offerti, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 214/2001.

- (3) Fid-dawl tal-offerti li saru b'risposta għall-7 stedina individwali għall-offerti, jeħtieġ li jiġi ffissat prezz massimu tax-xiri.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Gestiġni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-7 stedina individwali għall-offerti għax-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat fi ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 310/2009 li għaliha ż-żmien għat-tressiq tal-offerti skada fil-21 ta' Lulju 2009, il-prezz massimu tax-xiri għandu jkun ta' EUR 167,90/100 kg.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-24 ta' Lulju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 97, 16.4.2009, p. 13.<sup>(3)</sup> ĠU L 37, 7.2.2001, p. 100.